# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 13 T'OTTUBRU, 2000.

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2884/00VF fl-ismijiet:-**

**Colette Sciberras**

**vs**

**Saviour Sciberras**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tad-29 t'Awissu, 2000, u d-dokumenti mehmuzin mieghu pprezentati mill-intimat Saviour Sciberras li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, huwa talab, ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'

Malta, li jithassar ghal kollox il-Mandat ta' Sekwestru esekuttiv fuq imsemmi mahrug kontrih mill-intimata fl-10 t'Awissu, 2000;

Rat id-Digriet taghha tat-30 t'Awissu, 2000;

Rat it-twegiba tal-intimata tal-5 ta' Settembru, 2000, li biha u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, hija qalet li t-talba ghat-thassir tal-Mandat mertu tar-rikors ghandha tigi michuda;

Semghet lill-partijiet jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament, u lill-konsulenti legali rispettivi taghhom jittrattaw il-kaz;

Rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2000;

Ikkunsidrat:-

Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet ippubblikat min-Nutar Pierre Attard fis-6 ta' Novembru, 1998, [Dok RB1] ir-rikorrent intrabat, fost kundizzjonijiet ohrjan, li jghaddi lill-intimata s-somma ta' Lm300 fix-xahar bil-quddiem bhala manteniment ghaliha (kwantu ghal LM250) u ghal binthom minuri Christine (kwantu ghar-rimanenti Lm50) meta kien jaqla' qrib il-Lm500 fix-xahar. L-imsemmija somma kellha tizdied kull sena b'nofs iz-zidiet stabbiliti ghall-gholi tal-hajja. Huwa ntrabat ukoll li jhallas l-ispejjez kollha ghax-xiri ta' kotba, trasport minn u ghall-iskola u uniformijiet ta' bintu minuri, minbarra nofs l-ispejjez ghall-ezamijiet u lezzjonijiet ta' privat. Intrabat ukoll li jhallas lill-intimata, mhux aktar tard minn sentejn u nofs minn dak inhar tal-kuntratt, is-somma ta' Lm5,960 li tirrapprezenta nofs l-ammont ta' krediti li huwa ghandu fil-konfront ta' terzi. Madwar xahrejn wara, intemmlu l-impjieg tieghu minn mas-Socjeta' Alphamed Limited

bhala *business support executive* [Dok A] u ghamel xi zmien jirregistra ghax-xoghol.

Illi, skond ir-rikorrent, ghall-habta ta' Marzu tal-1999, huwa sab impjieg ghal zmien definit ta' sitt (6) xhur mas-Socjeta' Apollo Imports Limited [Dok A man-Nota pprezentata fil-5 ta' Settembru, 2000] bhala *sales executive* u d-dhul nett tieghu naqas drastikament. Malli ntemm iz-zmien ta' dak il-kuntratt tal-impjieg, ir-rikorrent inghata l-impjieg attwali tieghu ghal zmien indefinit ma' s-Socjeta' Vivian Commerical Corporation Limited. Fix-xahrejn li dam minghajr impjieg, ma hallasx manteniment lill-intimata [Dok RB2], u minn mindu sab l-impjieg attwali, qieghed ihallas Lm220 fix-xahar [Dokti RB3 sa RB16]. Minbarra dan, aktar kmieni din is-sena, fetah kawza quddiem din il-Qorti kontra l-intimata biex jigu mibdula l-kundizzjonijiet mifthema fil-kuntratt ta' separazzjoni personali u tigi stabbilita rata gdida ta' manteniment mibnija fuq id-dhul attwali tieghu;

Illi, l-Mandat impunjat inhareg kontra r-rikorrent fl-10 t'Awissu, 2000, [Dok D] wara li kien gie notifikat b'ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju, 2000, li permezz taghha l-kuntratt ta' separazzjoni personali gie maghmul esekuttiv u l-intimata interpellat lir-rikorrent ihallasha l-arretrati ta' manteniment dovuti lilha sa dak inhar;

Illi r-rikorrent isostni wkoll li l-kreditu pretiz mill-intimata fir-rikors ghall-hrug tal-Mandat mertu tal-kaz m'huwiex cert, likwidu u li ghalaq skond kif jipprovdi l-artikolu 253 (b) tal-Kap 12, u ghalhekk qed jitlob it-thassir tieghu;

Illi d-disposizzjoni li bis-sahha taghha r-rikorrent qieghed iressaq it-talba presenti dahlet fis-sehh bis-sahha tal-bidliet li saru fil-kodici tal-Organizzazzzjoni u Procedura Civili fl-1995. L-ghan taghha huwa li jattakka, f'certi cirkostanzi, atti esekuttivi ghal raguni valida skond il-ligi;

Il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha dahlet din id-disposizzjoni huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att esekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-intimat esekutat ibati pregudizzju. Minn dak li jirrisulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, m'hijiex l-intenzjoni tal-legislatur li l-mandat jew att esekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li bis-sahha tieghu, l-istess att esekuttiv inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;

Illi, fil-kaz in ezami, ir-rikorrent qieghed isejjes it-talba tieghu fuq zewg premessi ewlenin: fl-ewwel lok, qieghed jghid li ghalkemm kien intrabat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali li jghaddi lill-intimata Lm300 fix-xahar bhala manteniment, dan m'ghadux f'qaghda li jaghmlu minhabba bdil fil-kundizzjoni ekonomika tieghu; u, fit-tieni lok, li l-Mandat esekuttiv mahrug mill-intimata inhareg abbusivament jew illegalment minhabba li l-kreditu pretiz mill-intimata la kien cert, la likwidu u lanqas dovut;

Illi, dwar l-ewwel kawzali, il-Qorti tifhem li dak li ghadda minnu r-rikorrenti dwar l-impjieg tieghu jista' ma jkunx htija tieghu, ghalkemm l-intimata tishaq li kien jaf minn xhiex kellu jghaddi sahansitra waqt li kien qed jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni. Huwa minnu wkoll, ghallanqas minn dak li tressaq bhala prova, li d-dhul tieghu naqas minhabba dawn il-grajjiet. Il-Qorti, madankollu, trid tghid li, fil-parametri li hija tista' tindaga taht il-procediment presenti, u ghar-ragunijiet li ssemmew 'l fuq, ma tistax tiehu in konsiderazzjoni ta' din ic-cirkostanza bhala raguni wahdanija li biha jista' jinghad li l-mandat impunjat huwa illegali jew abbusiv. Il-fatt li, kif qal ir-rikorrent stess, huwa ntavola proceduri quddiem din il-Qorti, biex igib dikjarazzjoni ghall-bdil

tal-ammont ta' manteniment li jrid ihallas lill-intimata, juri li huwa jaf li tesisti fil-konfront tieghu obbligazzjoni minnu accettta liberament u li taghmel stat legali fil-konfront tieghu;

Illi, b'zieda ma' dan, il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994, fil-kawza fl-ismijiet, *Victoria Camilleri proprio et nomine vs Mahmood Farag Abdel Kareem,* li turi f'liema cirkostanzi jista' wiehed ibiddel patti assunti f'att nutarili ta' kuntratt ta' separazzjoni personali. Minbarra dan, anke jekk ikollu esitu favorevoli fil-kawza li intavola, r-rimedju li jinghata r-rikorrent ma jkunx retrospettiv, u, sakemm ir-retta tigi mibdula, tibqa' dik stabbilita' bil-modalitajiet imsemmija fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi, kieku l-qaghda ekonomika ta' debitur esekutat kienet fattur li jista' jittiehed in konsiderazzjoni biex wiehed iqis il-validita' jew l-effikacja ta' mandat esekuttiv, kieku tista' tinholoq il-qaghda serja li kull Mandat jista' jigi mxejjen ghar-raguni li l-intimat mhux f'qaghda finanzjarja li jwettaq dak li t-titolu esekuttiv mahrug mill-kreditur esekutant qieghed jitolbu jaghmel. Il-Qorti hija konvinta li dan ma kienx l-ghan li ghalih il-legislatur dahhal dan ir-rimedju fil-Kodici;

Illi, ghalhekk, wiehed irid iqis jekk il-Mandat huwiex mahrug in konformita' ma' dak li jipprovdi l-artikolu 253 (b) tal-Kaptiolu 12. Ir-rikorrenti jghid li l-ammont vantat mill-intimata ma hux la likwidu, la cert u lanqas ghandu jinghata u li, minhabba f'hekk, ma seta' qatt jinhareg il-Mandat. M'hemmx dubbju li l-kuntratt pubbliku ta' separazzjoni konsenswali ghandu l-ghamla u s-sahha ta' att li jaqa' taht il-parametri tal-artikolu msemmi. L-istess att gie rez eskuttiv permezz ta' ittra ufficjali fejn l-ammont ta' arretrati ta' manteniment li l-intimata qeghda tippretendi (ghalkemm inqas minn dak muri minnha fil-proseptt esebit waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors ) gie indikat ukoll;

Illi, minbarra dan, l-ammont ta' manteniment li r-rikorrent intrabat li jhallas lill-intimata kull xahar u bil-quddiem kien car mhux biss f'dak li kien dovut dak iz-zmien, izda wkoll ghall-gejjieni. L-att nutarili huwa wiehed dettaljat f'kollox u mfassal b'mod li kull parti taf ezatt x'kien mistenni minnha.

Illi l-manteniment kien ukoll dovut bil-quddiem u l-effetti tal-kuntratt kellhom isehhu minn dak inhar tal-pubblikazzjoni tal-att. Anzi, l-klawsola 16 tieghu taghmilha cara li l-patti ta' dak il-kuntratt kellhom jibqghu fis-sehh. Ir-rikorrent, fis-sewwa kollu, mhux qed jghid li m'huwiex tenut li jhallas manteniment, jew li hemm ragunijiet li minhabba fihom l-intimata, jew binthom, iddekadiet mill-jedd li tircevieh. Mela, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, ma jistax jinghad li l-ammont ta' manteniment pretiz mill-intimata mhux dovut;

Dwar jekk l-ammont hux likwidat, dan johrog mill-fatt innifsu ta' l-ammont determinat fl-att nutarili nnfisu  u mseddaq bil-provi dokumentali mressqa mill-intimata.

Din il-Qorti,  fid-dawl ta' dan kollu, ma tistax ghalhekk ma tasalx ghall-fehma li l-Mandat esekutiv impunjat kien mahrug b'mod korrett u bla ebda abbuz. Min-naha l-ohra, ma tistax ma tosservax li, kieku kien hemm izjed moghdrija min-naha tal-intimata esekutanti, l-hrug ta' tali Mandat seta' gie rimandat. Dan jinghad, izjed u izjed billi jidher li l-partijiet kienu qeghdin jghaddu taghrif lil xulxin permezz tal-konsulenti legali rispettivi taghhom. Il-Qorti ttenni l-appell taghha li l-partijiet jevitaw konfrontazzjoni fejn u jekk jistghu jaslu bil-kwiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi  li t-talba tar-rikorrent ghat-thassir tal-Mandat eskuttiv mertu tar-rikors m'hijiex fondata u ghalhekk tichdaha bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**13, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**13, t'Ottubru, 2000.**